MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 38/2006

Anthony u Georgina konjugi Cauchi

vs

Pierre Galea

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu lil dan it-Trubunal jikkundanna lill-konvenut illi jhallashom is-somma ta' elf mitejn u disa' u erbghin Euros u tnejn u ghoxrin centesimi (Eur 1249.22) ekwivalenti ghal hames mija u sitta u tletin liri Maltin u disgha u ghoxrin centesimi (Lm536.29) rapprezentanti interessi fuq is-somma determinata ta' sitt mija u sitta u sebghin liri Maltin (Lm676) mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Awwissu 1996 sal-10 ta' Lulju 2006.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Lulju 2006, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa mharrek.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qed jeccepixxi :-

1. Illi kontra l-proponiment tal-azzjoni odjerna hemm l-ostaklu tal-gudikat tas-sentenza fl-ismijiet Anthony Cauchi vs Pierre Galea et – moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 t’April 2006;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-attur accetta cekk fis-somma ta’ Lm676 bhala hlas ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili;

4. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suesposti eccezzjonijiet, l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(d) u 2156(f) tal-imsemmi Kodici.

Ra l-atti kollha tal-kawza kif ukoll l-atti tal-kawza li kien hemm bejn l-istess partijiet li ggib l-Avviz numru 46/1996 deciza mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fl-24 ta’ Gunju 2005, kif konfermata mill-Qorti Tal-Appell [Sede Inferjuri] b’sentenza tas-26 ta’ April 2006;

Ra s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet u sama’ wkoll is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri rispettivi;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel risposta tal-konvenut rigward l-ostaklu tal-gudikat tal-azzjoni proposta;

Ikkunsidra :

Illi hemm qbil bejn il-partijiet - kif jidher car minn qari tan-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi taghhom - dwar x’inhuwa mehtieg biex l-eccezzjoni tintlaqa’. Jaqblu dwar il-htiega tal-ezistenza tat-tliet elementi ta’ l-istess oggett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni

tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jridu jikkonkkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess - *nisi omnia concurrunt, alia res est*;

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin, u li ttemm il-possibilita' ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat.

Illi minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni strettissima, tant li, f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni [Appell, **Camilleri vs Mallia**, 05.10.1998., Vol.LXXXII.II.305]. Minn naha l-ohra, dan il-principju huwa mwiezen b'dak l-iehor daqstant ghaqli li, fejn kwestjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza [PA, **Cassar Parnis vs Soler**, 11.03.1949., Vol.XXXIII.II.344]. Dan il-principju jissahhah meta l-kwestjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun gia' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza [PA, **Farrugia noe vs Borg Reveille et**, 27.06.1995].

Illi l-element dibattut bejn il-partijiet mit-tliet elementi kostituttivi tar-*res ju*dicata huwa dwar jekk l-oggett mitlub fit-talba l-gdida huwiex identiku jew b'xi mod inkorporat fit-talba precedenti li kienet tifforma l-oggett tal-kawza li giet determinata mis-sentenza li llum ghaddiet in gudikat.

Dan it-Tribunal qed jifhem li l-kawza tentata mill-atturi permezz tat-talba odjerna hija dik kontemplata taht l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili, u cioe' azzjoni ghall-hlas tad-danni minhabba d-dewmien tal-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni li ghandha bhala oggett il-hlas ta' somma determinata. Jirrizulta mill-atti li l-atturi kienu ghamlu

xoghol ta’ ghamara fuq inkarigu tal-konvenut kemm ghal gol-flat fejn joqghod fi Triq Ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, kif ukoll ghal gor-restaurant li ghandu fi Triq Marina, Marsalforn, Ghawdex, u kien fadal bilanc x’jithallas lill-atturi mill-prezz pattwit ghal dan ix-xoghol ta’ elf hames mija u erba’ u sebghin Euros u hamsa u sittin centesimi (Eur 1574.65) ekwivalenti ghal sitt mija u sitta u sebghin liri Maltin (Lm676), liema bilanc gie kkanonizzat bis-sentenza deciza mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fl-24 ta’ Gunju 2005, fil-kawza li kellhom bejniethom il-partijiet fuq imsemmija, u li giet ikkonfermata mill-Qorti Tal-Appell [Sede Inferjuri] b’sentenza tas-26 ta’ April 2006. Konsegwenza tal-kwistjonijiet li qamu bejn il-partijiet u li kienu jiffurmaw il-meritu tal-kawza msemmija, l-atturi ghamlu ftit inqas minn ghaxar snin biex ircevew il-hlas tax-xoghol taghhom.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-principji legali u gurisprudenzjali elaborati f’certu dettal mill-partijiet fin-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi taghhom, u ma jarax l-istess identita’ tal-oggett bejn dak li gie mitlub fl-ewwel kawza u dak li qed jigi mitlub f’din il-kawza. Il-punt kontrovers mhuwiex l-istess. Din il-kawza hija ntiza biex l-atturi jottjenu xi haga differenti ghal dik li kienu talbu u in effett ottenew bil-kawza precedenti taghhom. Filwaqt li l-kawza gia’ deciza kienet tittratta dwar it-talba ghall-esekuzzjoni ta’ obbligazzjoni u cioe’ ghall-hlas ta’ appalt li sar mill-atturi lill-konvenut, il-kawza odjerna tittratta dwar talba ghall-hlas tad-danni kagunati minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni ta’ dik l-obbligazzjoni konsistenti fil-hlas tal-imghaxijiet fuq is-somma li bl-ewwel kawza gie kkonfermat li l-atturi kellhom jiehdu. L-oggett tat-talba bhala bazi ghall-azzjoni fl-ewwel kawza huwa divers minn dak tal-kawza odjerna. Dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li l-*petitum* fl-ewwel u f’din il-kawza huwa identiku konsistenti fil-hlas tal-appalt. Identita’ fil-kawzali hemm bejn dak li gie deciz fl-ewwel kawza u din il-kawza, izda mhux f’dak li qed jintalab fejn il-bazi guridika tat-talba hija diversa f’din il-kawza mill-ohra gia’ deciza.

Dan it-Tribunal ma jarax konsistenza fis-sottomissjoni tal-konvenut. F'waqt minnhom il-konvenut bhal jammetti li ma gietx proposta talba *ut sic* ghad-dekorriment ta' l-interessi fuq is-somma minnu pretiza fl-ewwel kawza, u jikkontendi li l-imghax messu ntalab fl-ewwel kawza li ghamlu l-atturi jew almenu messhom ghamlu rizerva espressa dwarhom fl-avviz tat-talba, u la darba dan ma sarx, l-atturi tilfu kull dritt li jitolbu dan il-hlas, u fl-istess waqt jikkontendi li billi t-talba ghall-hlas tal-imghax tikkoinvolgi mplicitament fit-talba ghall-hlas tal-appalt, ma kien hemm xejn x'izomm lill-Qorti l-ohra milli taghti provvediment dwar il-hlas tal-imghax ukoll, u la darba dan ma sarx u l-atturi lanqas ma utilizzaw ir-rimedji disponibbli ghalihom biex jaccertaw ruhhom li dan in-nuqqas jigi rimedjat sabiex jiehdu wkoll l-imghaxijiet entro t-terminu koncess mill-ligi taht l-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, issa ma jistghux jifthu kawza gdida biex jippruvaw jiehdu dak li l-Qorti l-ohra ma taghthomx jew naqqset li taghtihom bis-sentenza taghha. Fit-tieni cirkostanza, l-ahhar *proviso* ghall-artikolu 235 jaghti r-rimedju, u ma jjippreskrivi ebda terminu li fih ghandha ssir it-talba u quddiem liema qorti ghandha ssir. Kollox ma' kollox hemm qbil bejn il-partijiet li fil-kawza l-ohra l-punt kontrovers f'din il-kawza ma giex diskuss, u l-oggett tal-kawza odjerna ma giex effettivament deciz fil-kawza l-ohra li llum ghaddiet in gudikat.

Gie nsenjat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Caterina Gerada -vs- Avukat Dr. Antonio Caruana**, deciza fis-7 ta' Marzu 1958, illi "sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat". F'din is-sentenza ssokta jigi rilevat ukoll illi "l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. <u>Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss</u>

li setghet tigi deciza" [sottolinear tat-Tribunal]. U kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Filippo Farrugia Gay et noe. -vs- Sac. Angelo Farrugia**, deciza fit-12 ta' Novembru 1919 :- "*Per riconoscere il vero portata di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale e` anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non sorga il giudicato, e quando la parte dispositivo di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo` essere ristretto dalle considerazioni che la motivarono".*

Ghalkemm kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza citata mill-konvenut, **Costantino Abela vs George Azzopardi**, deciza fis-7 ta' Ottubru 2005, l-imghax fuq il-kapital jibda jiddekorri *ope legis* minn dak in-nhar li tkun saret it-talba b'att gudizzjarju, il-konvenut xorta wahda mhux qed jaccetta li ghandu jhallas l-imghax fuq is-somma kanonizzata bis-sentenza l-ohra la darba dik il-Qorti fis-sentenza taghha ma taghatx provvediment dwar il-hlas tal-imghax, u dan minkejja li bl-ittra ufficjali tat-12 ta' Awwissu 1996, il-konvenut zamm ferma t-talba tieghu ghall-hlas tal-imghaxijiet fuq is-somma pretisa.

Jirrizulta bl-aktar mod evidenti ghalhekk illi l-kwistjoni li qed tigi sollevata f'din il-kawzz minkejja li setghet tigi deciza fid-dawl tal-insenjament tas-sentenza tal-Appell **Abela vs Azzopardi** *supra*, ma gietx effettivament deciza fl-ewwel kawza, u l-ebda argument forzat ma jista' jwassal biex jinghad konkludentement illi l-kwistjoni kienet tinsab assorbita fil-kwistjoni l-ohra rrevokabilment deciza.

Kif sottomess fis-sentenza **Giovanni Grima -vs- Victor Fava et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 1967 [**Vol. XLII P I p 98**] "meta la fil-motivazzjoni, la fid-dispositiv, u lanqas fit-tnejn kombinati flimkien, ma

giet verament deciza l-indentika kwistjoni", l-eccezzjoni tal-gudikat mhijiex ostatattiv ta' l-azzjoni.

F'kull kaz, kif affermat fis-sentenza a **Vol. XXIX P I p 1155**, "*nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata*." Ara wkoll "**Frans Sammut -vs- Paul Caruana**", Appell, Sede Inferjuri, 9 ta' Mejju 1997.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jichad din l-eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu, u jiddiferixxi l-kawza ghat-13 ta' Frar 2008, fil-11.30a.m. ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------